Nru. 18,086
Prezz/Price
Lm0.16 (€0.37)

Gazzetta tal-Gvern ta' Malta
The Malta Government Gazette

Il-Ġimgħa, 8 ta' Ġunju, 2007
Friday, 8th June, 2007

Pubblikata b'Awtorità
Published by Authority

NOTIFIKAZZJONIJIET TAL-GVERN

Nru. 533

PUBBLIKAZZJONI TA' ABBOZZ TA' LIĠI FIS-SUPPLIMENT

HUWA avżat għall-informazzjoni ġenerali illi l-Abbozz ta' Liġi li ġej huwa ppubblikat fis-Suppliment li jinsab ma' din il-Gazzetta:

Abbozz ta' Liġi Nru. 96 imsejjaħ Att ta' l-2007 li jemenda l-Att dwar l-Awtorità ta' Malta dwar ir-Riżorsi.

It-8 ta' Ġunju, 2007

GOVERNMENT NOTICES

No. 533

PUBLICATION OF BILL IN SUPPLEMENT

IT is notified for general information that the following Bill is published in the Supplement to this Gazette:

Bill No. 96 entitled the Malta Resources Authority (Amendment) Act, 2007.

8th June, 2007

Nru. 534

ĦATRA TA' AĠENT DIRETTUR ĠENERALI (TEŻOR)

IS-SEGRETARJU Permanenti fil-Ministeru tal-Finanzi approva l-ħatra temporanja li ġejja:–

No. 534

APPOINTMENT OF ACTING DIRECTOR GENERAL (TREASURY)

THE Permanent Secretary in the Ministry of Finance has approved the following acting appointment:–

ISEM *NAME*	POST *POST*	DIVIŻJONI *DIVISION*	DATA *DATE*
Mr Francis Bajada	Direttur Ġenerali *Director General*	Teżor *Treasury*	10–13.6.2007

It-8 ta' Ġunju, 2007

8th June, 2007

Nru. 535

AVVIŻ GĦALL-GĦANIJIET TA' L-ATT TA' L-1996 DWAR GWARDJANI PRIVATI U LOKALI (ATT NRU. XIII TA' L-1996)

IL-KUMMISSARJU tal-Pulizija, skond l-artikoli 7 u 8 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani Privati u Lokali, b'din jgħarraf li rċieva dawn l-applikazzjonijiet kif imsemmija hawn taħt:

No. 535

NOTICE IN TERMS OF THE PRIVATE GUARDS AND LOCAL WARDENS ACT, 1996 (ACT NO. XIII OF 1996)

THE Commissioner of Police, in terms of sections 7 and 8 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996, hereby notifies that the following applications as mentioned hereunder have been received:

Applikazzjoni għal-liċenza ta' Gwardjani Privati
Application for licence of Private Guards

Isem u kunjom *Name and Surname*	Nru. tal-Karta ta' l-Identità *Identity Card No.*	Indirizz *Address*
Alex Camilleri	530486 (M)	15, "Shamaya", Triq Lorenzo Gatt, Birkirkara.
Daniel Abdilla	209189 (M)	45, "Tristar", Triq il-Ġarakol, Għaxaq.
Carmelo Magro	57746 (G)	41, "Bethania", Triq Girgor Buttigieg, Nadur, Għawdex.
Robert Grech	746046 (M)	"Conception", Flat 4, Triq il-Kunċizzjoni, Msida.
Nazjo Rotin	523088 (M)	11, Sqaq Nofsinhar Numru 1, Tarxien.
Kurt Cilia	265486 (M)	9, Triq San Nikola, Sliema.
Grace Evershed	268958 (M)	14, "White Eagle", Triq il-Ħabberxa, Marsaskala.
Oliver Theuma	422559 (M)	"Brambroo", Triq l-Isqof Gargallo, Tarxien.
Martin Scicluna	572755 (M)	Blokk C, Flat 16, Triq Wied in-Noqor, Luqa.
Justin Zahra	44985 (M)	Blokk M, Flat 4, Triq Wenzinu Mifsud Bonnici, Ħamrun.
Mario Schembri	502265 (M)	85, "Lourdes", Flat 1, Triq ix-Xgħajra, Żabbar.
Alexander Schembri	95881 (M)	45, "Mars", Triq San Ġorġ, Paola.
Marco Axisa	99371 (M)	"Madonnina", Triq ix-Xgħajra, Żabbar.
Mark Glanville	398685 (M)	97, Flat 2, Triq iż-Żurrieq, Birżebbuġa.
Liam Paul Taliana	303590(M)	Blokk C, "AM Weser", Flat 1, Triq il-Ġiżimin, Swieqi.
Mario Galea	180288(M)	"Red Roses", Triq ix-Xagħri, Nadur, Għawdex.

Kull persuna tista', fi żmien xahar mill-pubblikazzjoni ta' dan l-avviż, toġġezzjona bil-miktub lill-Kummissarju dwar il-ħruġ ta' dawn il-liċenzi għal xi waħda mir-raġunijiet imsemmija fl-artikolu 10 ta' l-Att ta' l-1996 dwar Gwardjani

Any person may, within one month from the publication of this notice, object in writing to the Commissioner about the issue of the above licences on any of the grounds listed in section 10 of the Private Guards and Local Wardens Act, 1996,

Privati u Lokali, li huma:

(a) meta l-applikant jew xi uffiċjali ta' l-applikant jew persuna oħra li jkollha kontroll effettiv tas-servizzi li jkunu se jiġu pprovduti mill-applikant.

(i) tkun instabet ħatja f'Malta jew x'imkien ieħor ta' xi delitt kontra s-sigurtà ta' l-istat, jew ta' xi offiża volontarja fuq il-persuna jew ta' xi delitt kontra proprjetà jew kontra l-fiduċja pubblika jew ta' xi delitt gravi ieħor; jew

(ii) tkun iddikjarata falluta jew meta l-qagħda finanzjarjatagħha tkun prekarja jew xort' oħra tagħmel lill-applikant mhux adattat; jew

(iii) tkun tkeċċiet mill-pulizija jew mill-forzi armati jew mis-servizz tal-ħabs minħabba xi reat jew xi nuqqas ieħor fl-imġiba; jew

(iv) tkun uffiċjal pubbliku jew membru tal-Pulizija jew tal-forzi armati jew tas-servizz tal-ħabs; jew

(b) dwar xi tagħrif li jkun ta' interess pubblħu; jew

(ċ) meta l-applikant ma jkollux il-kwalifiki meħtieġa kif jista' jkun preskritt bl-Att jew taħtu.

It-8 ta' Ġunju, 2007

which are:

(a) where the applicant or any officer of the applicant or any person who has an effective control of the services to be provided by the applicant.

(i) has been convicted in Malta or elsewhere of any crime against the safety of the state, or of any crime of voluntary harm or injury to any person or any crime against property or public trust or any other serious crime; or

(ii) has been declared bankrupt or his financial position is precarious or otherwise renders the applicant unsuitable; or

(iii) has been discharged from the police or armed forces or the prison services because of any offence or other misbehaviour; or

(iv) is a public officer or a member of the police or armed forces or the prison services; or

(b) when information is available which is in the public interest; or

(c) where the applicant does not possess the necessary qualifications as may be prescribed by or under the Act.

8th June, 2007

MINISTERU GĦAR-RIŻORSI U L-INFRASTRUTTURA

Riżultat għall-Post ta' Uffiċjal Tekniku (Barriera tar-Robba) fit-Taqsima tas-Supporting Services tad-Dipartiment għall-Bini u l-Manutenzjoni tat-Taqsima tax-Xogħlijiet, Ministeru għar-Riżorsi u l-Infrastruttura

Id-Direttur Ġenerali (Taqsima tax-Xogħlijiet), jgħarraf li r-riżultat għall-proċess ta' għażla hawn fuq imsemmi ġie ppubblikat u wieħed jista' jarah fuq in-*notice-boards* ta' *Project House,* il-Furjana, u l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-8 ta' Ġunju, 2007

MINISTRY FOR RESOURCES AND INFRASTRUCTURE

Result for the Post of Technical Officer (Robba Quarry) at the Supporting Services Section of the Construction and Maintenance Department of the Works Division, Ministry for Resources and Infrastructure

The Director General (Works Division), notifies that the result for the above mentioned selection process has been published and can be viewed on the notice-boards at Project House, Floriana, and the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

8th June, 2007

MINISTERU TAL-FINANZI

Riżultat ta' l-Intervista fil-Pożizzjonijiet ta' *Project Leader (Public Sector Finance)* fil-Ministeru tal-Finanzi

Is-Segretarju Permanenti, Ministeru tal-Finanzi jgħarraf illi wieħed jista' jara r-riżultat għall-intervista għall-postijiet imsemmija hawn fuq fin-*notice-board* prinċipali tal-Ministeru tal-Finanzi, 30, Triq Nofsinhar, Valletta u fuq in-*notice-board* ta' l-Uffiċċju tal-Kummissjoni dwar is-Servizz Pubbliku, Il-Palazz, Valletta.

It-8 ta' Ġunju, 2007

MINISTRY OF FINANCE

Result of Interview for the Posts of Project Leader (Public Sector Finance) in the Ministry of Finance

The Permanent Secretary, Ministry of Finance, notifies that the result of the interview for the above mentioned posts has been published and can be viewed on the main notice-board of the Ministry of Finance, 30, Triq Nofsinhar, Valletta, and on the notice-board of the Office of the Public Service Commission, The Palace, Valletta.

8th June, 2007

AWTORITÀ MARITTIMA TA' MALTA

Avviż lill-Baħħara Nru. 27 ta' l-2007

Wirja ta' Logħob tan-Nar minn fuq Barkun 'l hinn mill-Ponta ta' Sant' Anġlu, il-Port il-Kbir

Se jkun hemm wirjiet ta' logħob tan-nar sparati minn fuq barkun fil-Port il-Kbir, irmiġġat 200 metru 'l hinn mill-eqreb xatt mill-Ponta ta' Sant' Anġlu, nhar is-Sibt 16 ta' Ġunju, 2007.

Il-barkun se jkun irmiġġat fil-pożizzjoni murija fuq iċ-*chart* imsemmija aktar 'il quddiem.

Il-logħob tan-nar se jibda madwar il-11.30 p.m. ħin lokali u se jdum madwar ħames minuti.

Peress li l-barkun li minn fuqu se jinħarqu l-murtali se jkun f'nofs il-fliegu, l-ebda bastiment ma jitħalla jbaħħar ġewwa l-Port il-Kbir bejn l-10.30 p.m. u l-11.45 p.m. jew kif ikun ordnat mill-Valletta Port Control. Il-baħħara huma mwissija biex jobdu l-ordnijiet mogħtija mill-Valletta Port Control.

Wieħed jista' jara parti miċ-*chart* fuq il-*website* ta' l-Awtorità Marittima ta' Malta fuq:
http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Il-pożizzjoni tirreferi għal WGS 84 Datum

Chart affettwata: B.A. 177

It-8 ta' Ġunju, 2007

MALTA MARITIME AUTHORITY

Notice to Mariners No. 27 of 2007

Fireworks Display from a Barge moored off St. Angelo Point, Grand Harbour

Fireworks displays will be let off in the Grand Harbour, from a barge moored off St Angelo Point, 200 metres from the nearest shore on Saturday 16th June, 2007.

The barge will be moored in the position shown on the chart mentioned below.

The fireworks display will commence at about 11.30 p.m. local time and will last for 5 minutes.

As the fireworks barge will be in mid channel, no vessel will be allowed to proceed inside Grand Harbour between 10.30 p.m. and 11.45 p.m. or as directed by Valletta Port Control. Mariners are warned to obey instructions given by Valletta Port Control.

Part of chart can be seen on the website of the Malta Maritime Authority at:
http://www.mma.gov.mt/notices_mariners.asp

Position referred to WGS 84 Datum

Chart affected: B.A. 177

8th June, 2007

AVVIŻI TAL-QORTI – *COURT NOTICES*

856

B'digriet mogħti mill-QORTI ĊIVILI, PRIM AWLA fl-14 ta' Mejju, 2007 fuq rikors ta' GASAN ENTERPRISES LTD ġie ffissat il-jum tal-Ħamis, 28 ta' Ġunju, 2007 mid-9.00 a.m. sa nofsinhar għall-BEJGĦ BL-IRKANT li kien ġie ordnat b'digriet tad-9 ta' Novembru, 2006 li għandu jsir FIL-KURIDURI TAL-QRATI TAL-ĠUSTIZZJA, TRIQ IR-REPUBBLIKA, VALLETTA tal-fond hawn taħt deskritt.

1. Il-fond bin-numru tmienja u sittin (68), fi Triq Żimelli, il-Ħamrun, stmat li jiswa' Lm29,000.00 (€67,551.83).

2. Il-garaxx markat mhux uffiċjalment bin-numru wieħed, (1), fi Triq il-Pijunieri, San Pawl il-Baħar, sottopost għall-flat internament immarkat bin-numru wieħed, (1), formanti parti minn blokk ta' flats magħruf bħala Howard Building Blokk A, stmat li jiswa' Lm68,000.00 (€158,397.39).

3. L-Utile Dominium Temporanju għaż-żmien li fadal mill-perjodu oriġinali ta' 150 sena li bdew jiddekorru minn Diċembru, 1933, tal-fondi numri wieħed u għoxrin u sebgħa u għoxrin, (21 u 27), fi Triq Żimelli, il-Ħamrun, inkluż il-bitħa fuq wara b'aċċess komuni, kif soġġett għaċ-ċens annwu u temporanju, stmat li jiswew Lm112,000.00 (€260,889.82).

L-imsemmi fond huwa proprjetà ta' Louis u Alberta sive Betty Pace.

N.B. L-imsemmi fond jinbiegħ bħalma ġie deskritt mill-AIC Alan Saliba fir-relazzjoni tiegħu maħlufa fl-10 ta' Marzu, 2005.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum it-Tnejn, 4 ta' Ġunju, 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

By decree given by the CIVIL COURT, FIRST HALL on 14th May, 2007 on the application of GASAN ENTERPRISES LTD, Thursday, 28th June, 2007 from 9.00 a.m. to twelve noon, has been fixed for the SALE BY AUCTION ordered by a decree given on the 9th November, 2006 to be held in the first floor of these Law Courts, Republic Street, Valletta of the following property.

1. Tenement numbered sixty eight, (68), in Żimelli Street, Ħamrun, valued at Lm29,000.00 (€67,551.83).

2. Garage unofficially marked 1, Pioneer Road, St Paul's Bay, underlying flat internally marked 1, forming part of a block of flats known as Howard Building Block A, valued at Lm68,000.00 (€158,397.39).

3. The temporary utile dominium for the remaining period from 150 years commencing on December, 1933, of tenements numbered twenty one and twenty seven (21 and 27), Żimelli Street, Ħamrun, including a backyard accessible from both tenements, as being subject to the annual and temporary groundrent, valued at Lm112,000.00 (€260,889.82).

The said tenement is the property of Louis and Alberta sive Betty Pace.

N.B. The said tenement will be sold as described in the report sworn by AIC Alan Saliba on 10th March, 2005.

Registry of the Superior Courts, this Monday, 4th June, 2007.

CLAIRE SEVASTA, B.A. (HONS)
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

857

IKUN jaf kulħadd illi bis-setgħat mogħtija lilha bl-artikolu 257 tal-Kodiċi Ċivili, il-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili, b'digriet tal-24 ta' April, 2007 ordnat il-korrezzjoni tal-Att ta' Mewt ta' Vittoria Saliba li jġib in-numru 2227 tas-sena 2006 fis-sens illi fil-kolonna intestata "Jekk hux miżżewweġ/miżżewġa jew le, armel jew armla" l-isem "Carmelo", jiġi kkanċellat u sostitwit bl-isem "Carlo".

Illum, 6 ta' Ġunju, 2007.

ALEXANDRA FARRUGIA
Għar-Reġistratur tal-Qorti tar-Reviżjoni ta' l-Attijiet Nutarili

IT IS hereby notified in virtue of the powers conferred on it by Section 257 of the Civil Code, the Court of Revision of Notarial Acts, by a decree dated the 24th day of April, 2007, ordered the correction of the Act of Death of Vittoria Saliba bearing number 2227 of the year 2006 in the sense that in the column entitled "Whether married or unmarried, widower or widow" the name "Carmelo" be cancelled and substituted by the name "Carlo ".

This, 6th day of June, 2007.

ALEXANDRA FARRUGIA
F/Registrar of the Court of Revision of Notarial Acts

858

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti tal-Maġistrati (Malta) permezz ta' digriet mogħti fis-16 ta' Mejju 2007 ġiet ordnata l-pubblikazzjoni tal-estratt li jidher hawn taħt għall-finijiet ta' notifika skond l-Artikolu 187(3) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap. 12).

Permezz ta' Avviż maħruġ mill-Qorti tal-Maġistrati Malta fis-27 ta' Frar 2007 il-kawża fl-ismijiet Golden Harvest Mfg Co Ltd vs Jesmond Sant f'ismu personali u eżerċenti l-kummerċ taħt l-isem Save & Smile u b'digriet tal-15 ta' Frar 2006 ġiet kjamata in kawża Rita Sant (Avviz Nru. 82/05CSH) ġiet imqiegħda fil-lista tal-kawżi li għandhom jinstemgħu fis-27 ta' Ġunju 2007 fid-9.00 a.m. quddiem il-Maġistrat Dott. Consuelo Pilar Scerri Herrera.

Notifika Jesmond Sant – Save & Smile Bridge Street, Mosta.
Rita Sant – Our House, Bridge Street, Mosta.

Reġistru tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta), illum 5 ta' Ġunju 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

It is hereby notified that by a decree of the Court of Magistrates (Malta) of the 16th May 2007, the publication of the following extract was ordered for the purpose of service in terms of Article 187(3) of the Code of Organisation and Civil Procedure (Cap. 12).

By means of a Notice of a cause issued by the Registry of the Courts of Magistrates (Malta) on the 27th February 2007 in the names Golden Harvest Mfg Co Ltd vs Jesmond Sant in his own name and carrying on trade under the name Save & Smile and by a decree of the 15th February 2006 Rita Sant was called into suit as third party (Notice No. 82/05CSH) was set down again for hearing on the 27th June 2007 at 9.00 a.m. before Magistrate Dr Consuelo Pilar Scerri Herrera.

Notifika Jesmond Sant – Save & Smile, Bridge Street, Mosta.
Rita Sant – Our House, Bridge Street, Mosta

Registry of the Courts of Magistrates (Malta), today 5th June 2007.

ALEXANDRA DEBATTISTA
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

859

Ikun jaf kulħadd illi l-Qorti Ċivili Prim Awla permezz ta' digriet mogħti fl-14 ta' Mejju 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali Darren Charles Galea vs Godwin Cutajar, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum 19 ta' April 2006

Lil Godwin Cutajar

Bil-preżenti, Darren Charles Galea (ID Nru. 143495M) jinterpellak biex, fi żmien jumejn , tersaq għal-likwidazzjoni u ħlas ta' danni minnek ikkaġunati u minnu subiti in segwitu għal inċident awtomobilistiku li ġara r-Rabat fit-23 ta' Lulju 2005, meta waqt li inti kont qed issuq il-vettura Nru. IBE 931 ħbatt mal-vettura Nru. IBB 995, proprjetà tal-mittent u misjuqa minnu, għal liema inċident u konsegwenzjali danni inti kont responsabbli minħabba imprudenza, imperizja, negliġenza u inosservanza tar-regolamenti.

Bħala konsegwenza tal-inċident, oltre l-ħsara fil-vettura tiegħu dikjarata 'beyond economical repair' mis-surveyor ta' l-assikurazzjoni tiegħek, il-mittenti ġarrab ġrieħi gravi u debilità permanenti fil-persuna tiegħu.

Jekk it-terminu lilek prefiss jgħaddi inutilment, jittieħdu proċeduri ulterjuri kontrik skond il-liġi.

Kopja ta' dan l-att qed tkun notifikata lis-soċjetà Citadel Insurance plc, assikuratur tal-vettura Nru. IBE 931.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall, by means of a decree given on the 14th May 2007, in the records of the judicial letter Darren Charles Galea vs Godwin Cutajar, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 19th April 2006

To Godwin Cutajar

By the present, Darren Charles Galea (ID Number 143495M) calls upon you so, that within two days you come forward to the liquidation and payment of damages caused by you and suffered by him following the car accident which occurred in Rabat, on the 23rd July 2005, when whilst you were driving vehicle number IBE 931 you crashed into vehicle Number IBB 995, property of the interpellant and driven by him, for which incident and consequential damages you were responsible due to imprudence, carelessness, negligence and lack of observance of the regulations.

As a consequence of the incident, besides damage in his vehicle declared 'beyond economical repair' by the surveyor of your insurance, the interpellant, suffered serious injuries and a permanent disability to his person.

If the term fixed to you uselessly passes, further steps according to law will be taken against you.

A copy of this act is being notified to the company Citadel Insurance plc, insurer of the vehicle Number IBE 931.

Tant biex tagħraf tidderieġi ruħek.

Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra interpellatorja tal-24 ta' Awissu 2005 u bl-imgħax legali.

Mittent: 129, Triq Paris, Żebbuġ.

Intimat(1) Andromeda, Triq il-Kultellazz, Mosta.

Notifika (2) Citadel Insurance plc,
36, Market Street, Floriana.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

So much so that you may know how to regulate yourselves.

With costs, including those of the interperllatory letter of the 24th August 2005 and with legal interest.

Interpellant: 129, Paris Street, Żebbuġ.

Respondent: (1) Andromeda, Kultellazz Street, Mosta.

Notify (2) Citadel Insurance plc,
36, Market Street, Floriana.

Registry of the Superior Courts, today 6th June 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

860

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet mogħti fis-17 ta' Jannar 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4096/06, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Vincent Ralph Zammit, ordna is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 24 ta' Novembru 2006

Lil Vincent Ralph Zammit (I.D. 403187M)

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-Att tħallas l-ammont ta' tmint elef, erba' mija u ħdax-il Lira Maltija Lm8,411 (€19,592.36) rappreżentanti ammont minnek dovut bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax, skond l-imsemmi Att XXIII ta' l-1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kontra tiegħek permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilek.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi biex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu fil-konfront tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant biex tagħraf timxi u tirregola ruħek.

Mittenti: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notifika: Intimat: Miami Apartments, Flat 9, 'Chrivin', Triq Ġdida fi Triq il-Qawra, San Pawl il-Baħar.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 17th January 2007, in the records of the judicial letter number 4096/06, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Vincent Ralph Zammit , ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

In the First Hall Civil Court

Today 24th November 2006

To Vincent Ralph Zammit (I.D. 403187M)

By the present, the Commissioner for Value Added Tax calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998, so that within two (2) days from the service of this Act you pay the amount of eight thousand, four hundred and eleven Maltese Liri Lm8,411 (€19,592.36) representing amount due by you as Value Added Tax according to the same Act.

With costs and with interest, according to the same Act XXIII of 1998, till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly, but not exclusively, to render executable the executive title, which the same Commissioner for Value Added Tax, has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which, the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify: Respondent: Miami Apartments, Flat 9, 'Chrivin' New Street in Qawra Road, St. Paul's Bay.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 6th June 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

861

Ikun jaf kulħadd illi l-Prim Awla tal-Qorti Ċivili permezz ta' digriet moghti fis-16 ta' Jannar 2007, fl-atti ta' l-ittra uffiċjali numru 4111/06, fl-ismijiet Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud vs Med Euro Trading Centre Ltd, ordnat is-segwenti pubblikazzjoni biex isservi ta' notifika fil-konfront ta' l-intimat, a tenur ta' l-Artikolu 187(3) tal-Kap. 12.

It is hereby notified that the Civil Court First Hall by means of a decree given on the 16th January 2007, in the records of the judicial letter number 4111/06, in the names Commissioner for Value Added Tax vs Med Euro Trading Centre Ltd, ordered the following publication for the purpose of service of the respondent, in terms of Article 187(3) of Chapter 12.

Fil-Prim Awla tal-Qorti Ċivili

Illum, 24 ta' Novembru 2006

Lil Med Euro Trading Centre Ltd. (C 12733)

Permezz tal-preżenti, il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud jinterpellak ai termini ta' l-Artikolu 59 ta' l-Att XXIII ta' l-1998, sabiex fi żmien jumejn (2) min-notifika ta' dan l-Att thallas l-ammont ta' tnax-il elf, mitejn u tnejn u għoxrin Lira Maltija Lm12,222 (€28,469.60) rappreżentanti ammont minnek dovut bħala Taxxa fuq il-Valur Miżjud skond l-istess Att.

Bl-ispejjeż u bl-imgħax, skond l-imsemmi Att XXIII ta' l-1998 sad-data tal-pagament effettiv.

Din l-interpellanza qed issir għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi u partikolarment, iżda mhux esklussivament, sabiex tirrendi eżegwibbli t-titolu eżekuttiv li għandu l-istess Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud, kontra tagħkom permezz ta' l-Avviż li ntbagħat lilkom.

Fin-nuqqas, il-mittenti javżak li se jgħaddi biex jeżegwixxi l-imsemmi titolu eżekuttiv li hu għandu fil-konfront tiegħek permezz tal-mandati opportuni.

Tant biex tgħarrfu timxu u tirregolaw ruħkom.

Mittenti: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notifika: Intimati : Villa Scicluna, Gudja Road, Għaxaq.

In the First Hall Civil Court

Today 24th November 2006

To Med Euro Trading Centre Ltd. (C 12733)

By the present, the Commissioner for Value Added Tax calls upon you in terms of Article 59 of Act XXIII of 1998, so that within two (2) days from the service of this Act you pay the amount of twelve thousand , two hundred and twenty two Maltese Liri Lm12,222 (€28,469.60) representing amount due by you as Value Added Tax according to the same Act.

With costs and with interest, according to the same Act XXIII of 1998, till the date of effective payment.

This calling is being made for all intents and purposes of law and particularly, but not exclusively, to render executable the executive title, which the same Commissioner for Value Added Tax, has against you by means of the Notice sent to you.

Failing which, the interpellant warns you that he shall pass to execute the said executive title he has against you by means of the opportune warrants.

So much so that you may know how to regulate yourself and to proceed.

Interpellant: Centre Point Building, Ta' Paris Road, Birkirkara.

Notify: Respondents: Villa Scicluna, Gudja Road, Għaxaq.

Reġistru tal-Qrati Superjuri, illum 6 ta' Ġunju 2007.

AVV. DOTT. FRANK PORTELLI, LL.D.
Għar-Reġistratur, Qrati Ċivili u Tribunali

Registry of the Superior Courts, today 6th June 2007.

ADV. DR. FRANK PORTELLI, LL.D.
For the Registrar, Civil Courts and Tribunals

L-ammonti bl-ewro huma bbażati fuq ir-rata ta' €1=Lm0.429300 u huma għal użu ta' informazzjoni biss
Values displayed in euro are based on the rate of €1=Lm0.429300 and are for information purposes only

Ippubblikat mid-Dipartiment ta' l-Informazzjoni (doi.gov.mt) — Valletta — *Published by the Department of Information (doi.gov.mt) — Valletta*
Mitbugħ fl-Istamperija tal-Gvern — *Printed at the Government Printing Press*